MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 240/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur D. Zammit)**

**Vs**
**Michael Stivala**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-16 ta' Gunju, 2005 ghall-habta tal-10.30 a.m. gewwa l-Gzira :**
**1) ghamel uzu minn stallazzjoni, apparat, strument jew accessorji ohra ghal ghanijiet barra minn dak lu huma provduti;**
**2) ghamel uzu mis-sistema tat-telephone ghal skop illegali jew mhux xieraq;**

**3) ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku (PC 1601) waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;**
**4) ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku (PC1601) jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fid-dmirijiet tieghu, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi jew b'xi mod iehor li jkun;**
**5) qal kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku;**
**6) kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 95, 338(bb)(dd)(ee) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 35(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal canfira.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija, tbiddel il-piena u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli l-akkuzi dwar it-telephone huma t-tnejn delitti u l-piena massima skond l-artikolu 35 (recte 39) tal-kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta hija ta' ghaxart elef liri Maltin (LM10,000) u l-minimu huwa ta' ghaxar liri (LM10). L-ewwel Qorti imponiet il-piena tal-kontravvenzjonijiet meta kellha tapplika dik ghal**

**delitt. Illi f’ kull kaz il-piena kellha tkun ferm aktar iebsa fic-cirkostanzi tal-kaz.**

**Rat il-verbal registrat fl-udjenza tad-29 ta’ Settembru, 2005 li bih Dottor Joseph Giglio, ghall-appellat, eccepixxa n-nullita’ tar-rikors tal-appell ghaliex il-fatti fil-qosor, kif esposti, ma jissodisfawx ir-rekwizit tar-riepilogu tal-fatti fil-qosor kif esposti fil-gurisprudenza.**

**Rat ukoll il-verbal registrat mill-Avukat Prosekutur, Dr. Anthony Barbara, li bih iddikjara illi l-fatti huma precizi w jindikaw dak li attwalment gara u li ma kienx necessarju li jsir hafna ripetizzjoni fid-dispozizzjoni tal-fatti meta dan seta’ jsir fil-qosor.**

**Rat ukoll il-verbal li bih il-partijiet qablu li, bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari tal-appellat, is-sentenza appellata hija nulla ghal dik il-parti li tirrigwarda l-ewwel zewg imputazzjonijiet , billi ma giex citat l-Artikolu tal-Ligi korrett li tahtu nstabet htija;**

**Rat ukoll il-verbal li bih il-Qorti ddecidiet li, bla pregudizzju, tisma lil PC 1601;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet mill-gdid lil P.C.1610 D. Mifsud, biex tkun tista’ tizen ahjar il-gravita’ o meno tal-akkuzi li taghhom instab hati l-appellant, f’ kaz li jkollha tidhol fil-mertu tal-appell;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi qabel xejn hu ovvju li trid tigi deciza l-pregudizzjali tan-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba l-karenza tal-fatti fil-qosor, sollevata mill-abbli difensur tal-appellat .**

**Illi l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li r-rikors tal-appell, barra mill-indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih,** taht piena ta' nullita' **(a) il-fatti fil-qosor**

**Illi din il-Qorti kif preseduta ghadha kif kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza relattiva ghal dan ir-rekwizit *ad validitatem* li jimponi l-artikolu 419(1)(b) fis-sentenza taghha fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Carmelo Borg**" [20.10.2005] u hemm iccitat b' approvazzjoni dak li qalet din il-Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano (illum Prim' Imhallef) fis-sentenza fil-kawza**: "Il-Pulizija vs. Joseph Said**" [25.7.1994], fejn, wara li analizzat gurisprudenza precedenti *in subiecta materia* qalet hekk *:-***

*"Il-gurisprudenza, ormai kopjuza dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor, ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita' procedurali izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi (Art. 419 (1)…"Il-principji stabiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal, per ezempju, "**Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri"** [25.7.1986]; **"Il-Pulizija vs. Alfred Debono"** [23.4.1992] u l-"**Il-Pulizija vs. Julian Bonello"** [14.5.1992], lkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet : (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b' mod car u komplet , b' mod li l-kontroparti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta, u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) il-ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom; u (3) li certament*

*mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa. …"*

**Illi gie ukoll ritenut minn din il-Qorti differentement preseduta fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joseph Galea" **[30.6.1995], li :-**

***"…skond gurisprudenza kostanti , in-nuqqas ta' xi wiehed mir-rekwiziti imsemmija fl-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali hi anki sollevabbli "ex officio" mill-Qorti essendo dik id-dispozizzjoni u dawk ir-rekwiziti huma ta' ordni pubbliku . Ir-"raison d'etre tal-artikolu 419 (1) (a) (b) u ( c ) huwa s-simpliifikazzjoni u l-kjarezza u l-legislatur ried li r-rikors tal-appell ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-pozizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali , min x'hiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob . Il-vot tal-ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati l' hawn u l'hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom."***
***"Hekk ukoll , meta r-ragunijiet ta' l-appell ikunu inkomprensibbli , gie ritenut li r-rikors huwa null."***

**Fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. George Felice" **[11.10.1995] gie ritenut li :-**

***" Huwa evidenti li l-motivi indikati (tal-appell) ghandhom ikunu specifikati w konkreti u mhux semplici dikjarazzjoni ta' ideja vaga u indeterminata li tirrendi necessarja tfittxija biex il-gudikant jistabilixxi n-natura vera tal-motiv tal-appell ; ghax inkella l-motiv ma jkunx jiftiehem u ma jissodisfax l-iskop li ghalih huwa ntiz mill-ligi…u gie ritenut li "il-motivo e' specifico quando circoscrive il punto della decisione su cui e' richiamata l'attenzione del giudice al gravame , ed individua in modo, sia pure succinto , ma preciso , gli elementi di fatto e di diritto che stanno a base di una concreta censura"***

**Gie ukoll ritenut li :-**

***"Il-fatti fil-qosor ghandhom ikunu migburin f' paragrafu "ad hoc" , biex mir-rikors u minghajr in-necessita' ta' riferenza ghall-atti tal-process, ikunu jiftehmu ghall-ahjar zvilupp tar-rikors."*** **[Appell Kriminali *:*** "Il-Pulizija vs. Peter Campbell ***– 15.10.1990].***

**u li*:-***

***"Il-fatti fil-qosor u l-motivi tal-appell huma zewg rekwiziti li ma jigux sostitwiti wiehed b' l-iehor." [Appell Kriminali :.*** "Il-Pulizija vs. Alfred Debono" ***– 23.9.1992]***

**u li*:-***

*"Bil-"fatti fil-qosor" wiehed jifhem il-fatti saljenti tal-kaz, esposti b'mod car izda konciz u b'tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti ikunu jistghu mill-ewwel jaqbdu x'inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt il-vot tal-artikolu 419 (1) (a) jekk il-fatti jew ikunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn jew ikunu maghguna mall-aggravji. Bhal ma indikazzjoni tal-aggravji ma tistax issir b'semplici riferenza ghall-fatti, hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji ."* [Criminal Appeal: **"Il-Pulizija vs. Martin Fenech"** *– 17.10.1997 (Vol. 81, (1997) IV, p. 269.}*

Fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Julian Bonello**" [14.5.1992] rega' gie ritenut li :-

*"Ma hux il-kompitu tal-Qorti li tispigola l-fatti mill-aggravji . Il-fatti saljenti , taht piena ta' nullita' iridu jigu esposti mill-appellant b'mod car u komplet."*

*Illi hemm umbaghad gurisprudenza kopjuza w kostanti li tafferma l-principju li fejn il-fatti tal-kaz jigu mhollija barra, jew fejn mhumiex miktuba b' mod car jew huma inkompleti jew fejn huma mxerrda w imhallta mar-ragunijiet tal-appell, dan jirrendi l-appell null. Din il-Qorti segwiet din il-gurisprudenza f' sensiela ta' decizjonijiet aktar recenti u cioe' :- **"Il-Pulizija vs. Raymond Camilleri**" [5.12.2002]; "**Il-Pulizija vs. Charles Mangion**" [1.10.2003]; "**Il-Pulizija***

***vs. Herman Mckay u Stiano Agius"*** *[7.1.2004];* ***"Il-Pulizija vs. Patrick Gatt"*** *[22.1.2004];* ***"Il-Pulizija vs. Tarcisio Gatt"*** *[22.1.2004];* ***"Il-Pulizija vs. Anthony Micallef"*** *[18.3.2004];* ***"Il-Pulizija vs. Gaetano Bonnici****"* *[18.3.2004];* ***"Il-Pulizija vs. Arthur Agius****"* *[24.6.2004];* ***"Il-Pulizija vs. Mariella Grima"*** *[4.11.2004]; [6.1.2005];* ***"Il-Pulizija vs. Carmelo Penza"*** *[14.4.2005];* ***"Il-Pulizija vs. Angelus Bartolo****"* *[26.5.2005];* ***"Il-Pulizija vs. Anthony Carter"*** *[9.6.2005] and* ***"Il-Pulizija vs. Michael Attard****"* *[23.6.2005]*

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-ezami tar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali jidher li hu ddedika paragrafu qasir hafna ghall-fatti fil-qosor u dan jghid testwalment hekk :-**

***"Illi l-fatti in breve kienu li Michael Stivala waqt li PC1601 D. Mifsud kien qed jaghmel ix-xoghol tieghu ingurja u ma obdiex l-ordnijiet moghtija, kiser il-buon ordni u qal kliem oxxen u dana anki bit-telephone u dana il-Gzira fis-16 ta' Gunju, 2005."***

**Illi dan il-paragrafu al kwantu telegrafiku bazikament jirriproduci fil-qosor hafna l-akkuzi, bla ma jaghti ebda dettall ta' fatti, cirkostanzi , retroxena ta' x' gara ma garax, tant li din il-Qorti , hasset il-bzonn, nonostante li dan kien appell cirkoskritt ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti, li terga' tisma lil P.C. 1601 D. Mifsud, biex tiehu idea ta' x' kien gara, jekk, fil-kaz li tilqa' l-appell, tkun trid tikkalibra l-piena konformement mall-gravita' o meno tal-incident u dan stante l-latitutidini vastissima li l-ligi thalli f' idejn il-gudikant fil-kaz tal-ewwel zewg akkuzi. Dan minnu nnifsu jindika li l-fatti fil-qosor kif esposti ma jissodisfawx il-kriterji li jemergu mill-gurisprudenza fuq citati.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fl-appell Kriminali** "Il-Pulizija vs Herman Mckay u Stiano Agius ." **fuq gja citat , din il-Qorti meta laqghet**

**eccezzjoni simili tal-appellat u ddikjarat ir-rikors tal-Avukat Generali null, kienet esprimiet ruha hekk :-**

*"Issa hu ovvju li l-espozizzjoni tal-fatti kif saret fir-rikors tal-appell ma tistax tkun aktar xotta, arida u telegrafika milli hi w fil-fatt ma hemm xejn li jillumina lil din il-Qorti dwar il-fatti tar-reati dedotti nnifishom. U biex il-Qorti tkun taf dawn il-fatti trid f'dan il-kaz tisma x-xhieda……"*

**Fl-Appell kriminali** "Il-Pulizija vs. Vincent Fenech**" [17.10.1997], din il-Qorti ukoll preseduta mill-Imhallef Dr.V. De Gaetano qalet li ghalkemm** ***: "tfahhar kull sforz li jsir biex fl-atti gudizzjarji tigi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem , hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku ta' l-att in kwistjoni , cioe' ma tistax tkun ekonomija tali li ggib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att."***

**Illi sfortunatament dan l-insenjament tal-Qrati in materia mhux qed jigi segwit mill-appellanti kemm meta dawn ikunu l-persuni li jkunu nstabu hatja, kif ukoll meta l-appellant ikun l-istess Avukat Generali meta f' certi appelli li qed isiru qed jintuza stil telegrafiku w karenti dettalji importanti li ghandhom ikunu inkorporati fil-paragrafu jew paragrafi tal-fatti fil-qosor. Dan hu kaz minnhom, partikolarment meta l-appellant appella ghall-piena "*ferm aktar iebsa"* mhux biss imhabba l-izball tal-ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena, imma minhabba wkoll *"fic-cirkostanzi tal-kaz",* cirkostanzi li pero' bl-ebda mod ma jemergu mill-istess rikors tal-appell.**

**Ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali tal-appellat u tiddikjara r-rikors tal-appell tal-Avukat Generali null u tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------